is-siwi ta' Vassallo bħala poeta u kittieb mill-aqwa, u din iċ-ċerimonja tal-lejla hi fiha n-nifisha l-ogħla prova u siġill ta' dan l-għarfien.

Nispiċċa b'dawn il-kelmiet. Fil-ktieb tiegħu TNEMNIN, Vassallo għalaq billi qal illi kemm ser igħix iżjed ma jafx —

"imma naħseb li bħala kittieb ta'
versi mitt diġa."

Jiena żgur li dan mhux minnu la għalih u anqas għal Buttigieg. It-tnejn huma poeti, iridu jew ma jridux, u t-tnejn jibqgħu jgħannu u jgħanu l-letteratura maltija tul ħajjithom kollha.

---

# ELAN VITAL

**Ta' Joe Saliba**

Id f'id, il-bieraħ, jiena w int għaddejja
konna max-xatt, ħafjin, b'saqajna fl-ilma.
Ix-xemx kienet fil-bogħod qed togħdos f'lewnha.
L-aħħar gawwija mlibbsa d-dlam ilmaħna
bħal dell iżżiġġ, għoddha tmiss wiċċ il-baħar.
Kollox kien ħiemed bejna t-tnejn u x-xefaq
li konna riesqa lejh, imsaħħra minnu.
Mat-triq, 'il fuq mid-dlam, kien hemm bħalissa,
b'dawlhom bħal żewġt għajnejn iħarsu ċassi,
karozzi bil-mijiet, bħaċ-ċriev maħruba.
Ħsiebna, mal-mixi tiela' w nieżel f'moħħna,
mewweġ bi ħwejjeġ l' int u jien ħabbejna.
Tkellimna fuq il-ġnus li ġew qabilna,
Il-ħajja nfisha, kull twemmin, kull tama.
Tħassibna, mistagħġbin, x'ġej fuq id-dinja.
Rajna quddiemna jsewdu n-nies li bħalna
ħarġu jfittxu l-mistrieħ u tul ix-xtajta
bil-mod kienu tnejn tnejn mexjin imħaddna
— ġilwa ta' maħbubin li xtaqu jħallu
ħajjithom ta' kuljum u jroddu hienja
f'dik is-siegħa ta' dlam dawl imħabbithom.
Aħna bħalhom, jew iżjed, ridna d-dinja
tieqaf mid-dawran tagħha u x-xemx moħbija
ma tidher qatt. Hemmhekk saltnet l-Imħabba.
Ħassejna t-tnejn li din għandha x-xemx tagħha
li tisboq 'l oħra għas-sħana, għad-dawl u l-ġmiel.

8.11.68 — Victoria, Awstralja.



**Vinċenzu Busuttil 1859 — 1922**

Ħamsin sena ilu miet is-Sur Vinċenz Busuttil, kittieb prolifiku u popolari li ħadem ħafna biex ixerred it-tagħlim bil-Malti fost il-poplu. B'tifkira tiegħu qed nippublikaw din il-poeżija dwar ħajtu miktuba minn ibnu, il-Kaptan E.D. Busuttil.

## B'Tifkira ta' għeluq il-ħamsin sena tal-mewt ta' l-għażiż missieri

# ĊENSU BUSUTTIL

**WIEĦED MILL-EWLENIN POETI U KITTIEBA TA' L-ILSIEN MALTI**
**2-4-1859 — 23-3-1922**

Is-Sena 1859.

Ġewwa dar fil-Belt Valletta
fit-tnejn sewwa ta' April
f'din is-sena msemmija
twieled **Ċensu Busuttil.**

Ma ħuħ ieħor twieled tewmi
l-ieħor iżda malajr mar
għalhekk Ċensu baqa' waħdu
ma' żewġ bniet l-għaxqa tad-dar.

Minn ċkunitu Ċensu wera
ħrara kbira għat-tagħlim
u din il-ħrara baqgħet sejra
f'ħajtu kollha sa l-irdim.

Is-sena 1873.

Sew fis-sena elf tmien mija
kif ukoll tlieta w sebgħin
meta Ċensu beda jgħallem
erbatax dan kellu snin.

Ċensu għallem kollu ħrara
kompla huwa wkoll jitgħallem
u dan għamlu bl-akbar ħerqa
sa kemm kien sewwa mgħallem.

Is-sena 1881.

Biss ta' tnejn u għoxrin sena
l-ewwel kien fost il-Maltin
li mibgħut ġo l-Ingilterra
biex jistudja għal tliet snin

Fil-Kuleġġ kbir ta' St. Mary
f'Hammersmith ftit bogħod mill-belt
Ċensu studja w ġie l-ewwel
f'kull suġġett ba ebda għelt.

Is-sena 1884.

Wara li ħa l-ewwel Diploma
tat-tagħlim Ċensu ġie lura
ġo Ħal-Lija Birgu l-Isla
kien igħallem il-kultura.

Fiż-żmien li kien hemm jgħallem
mill-Gvern Ċensu kien mitlub
ħa jirranġa l-ilsien Malti
biex bil-ħeffa jkun miktub

u biex eħfef ikun aktar
għat-tagħlim ta' kull ilsien
bla tfixkil u bla tbatija
u bla ebda telf ta' żmien.